# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR.IMĦALLEF MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Seduta tal-lum il-Ġimgħa 1 ta' Diċembru, 2023.**

**Rikors nru.1268/2023MH**

**Numru:15**

**North by Northwest GmbH soċjeta' rreġistrata ġewwa l-Ġermanja kif irrappreżentat hawn Malta mill- Avukat Dottor Adrian Camilleri**

**Vs**

**Il-Bastiment "MSC Valencia"**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors promotur preżentat ai terminu ta' l-artikolu 167 et seq tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta.

Rat li ma tressqet ebda difiża għal dawn il-proċeduri, anzi li skont istruzzjonijiet riċevuti minn *bare boat charter* dawn mhux qed jiġu kkontestati.

Semgħet lill-partijiet wara li l-Qorti ġiet assigurata mill-istruzzjonijiet li rċevew l-avukati ta l-intimati.

Ikkunsidrat:

Illi fin-nuqqas ta kontestazzjoni għall-istess talbiet il-Qorti qiegħda:

1. Tipproċedi biex tmexxi l-kawża bid-dispensa tas-smigħ ai terminu ta' l-artikolu 167 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara li l-Bastiment intimat għandu jħallas lir-rikorrenti nomine is-somma kumplessiva ta' Miljun, disa' mija u wieħed u tletin elf, tlett mija u tlett ewro u tnejn u għoxrin ċenteżmu (1,931,303,22c);

3. Tordna u tikkundanna lill-Bastiment intimat sabiex iħallas lir-rikorrenti nomine s-somma ta' Miljun, disa' mija u wieħed u tletin elf, tlett mija u tlett ewro u tnejn u għoxrin ċenteżmu (1,931,303,22c);

   Bl-ispejjeż ġudizzjarji kollha kontra l-bastiment intimat, inkluż dawk tal-mandat ta' arrest kawtelatorju bin-numru 2037/2023, u bl-imgħax dekorribbli sad-data tal-pagament effettiv.

**Onor Imħallef Miriam Hayman LL.D.**

**Maraya Aquilina**

**Deputat Reġistratur**